KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

| Ref: Seduta 42_18-02-09 V |
|---|

## MINUTI TAT-TNEJN U ERBGĦIN SEDUTA

**It-tnejn u erbgħin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa, 18 ta' Frar, 2009** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Margaret Ann Azzopardi**<br>**Marianne Aquilina**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-16:00 b'din l-agenda:

1. **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 41_21/01/09**
2. **Materji konnessi mal-minuti**
3. **Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv**
4. **Mistoqsijiet mil-kunsilliera**
5. **Approvazzjoni tal-pagamenti**
6. **Affarijiet Oħra**

**1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 41_21/01/09.**

Kien hemm korrezzjoni wara punt 3.17 fejn il-kunsillier N. Dimech ġie skużat li jitlaq peress li kien ma jiflaħx.

Il-kunsillier L. Vella ippropona li jiġu approvati l-minuti kif emmendati, is-sindku M. Arrigo issekondat. Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera N. Dimech, J. Galea, M.A. Azzopardi, M. Debono, M. Briguglio approvaw il-minuti filwaqt li l-kunsilliera M. Aquilina astjeniet.

**2. Materji konnessi mal-minuti**

2.1 Il-kunsillier L. Vella irrefera għal punt 3.14 dwar it-*tower crane* fi Triq il-Katidral. Is-Sindku qalet li kien ġie infurmat li se jerġgħu jibdew jaħdmu minn nhar it-Tnejn.

2.2 Il-kunsillier M. Briguglio staqsa dwar is-*solar panelling*. Is-segretarju eżekuttiv informa li kien issottometta l-formola lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u se niġu nfurmati f'April jekk aħniex se nkunu ntitulati għal fondi.

2.3 Il-kunsillier L. Vella irrefera għal *press release* dwar Pjazza Sant'Anna li ġiet imsemmija f'punt 6.1 tas-seduta 41. Il-kunsillier L. Vella qabel mad-*draft* li kien ipprepera s-segretarju eżekuttiv għall-approvazzjoni tal-kunsilliera kollha li kienet tinqara hekk:

'Sliema Local Council appreciates the effort made by the central government to return St Anne Square back to the use of the general public. The Council was always in favour of this idea and this can be proved in the plans which the council had submitted to the central authorities which was even published in the council magazine (issue July-October 2007).'

Is-segretarju eżekuttiv ressaq il-kummenti kollha ta' dawk il-kunsilliera li kienu bagħtu bl-email.

Il-kunsilliera M. Aquilina qalet li ma taqbilx li l-kunsill għandu jidħol f'din il-kwistjoni.

Il-kunsillier M. Briguglio qal li jaqbel mad-*draft* li nkiteb filwaqt li kieku jżied li l-kunsill juri 'solidarjeta' mal-ħaddiema u jawgura li jsibu xogħol mill-aktar fis. Iżid ukoll li l-kunsill jafferma il-pożizzjoni kontra l-iżvilupp li huwa kontra l-liġi u kontra *development plans*.

Il-kunsillier M. Debono qal li kieku jżid li 'il-kunsill jispera li l-Gvern jagħmel *fair process* għal *public tendering* għal *kiosk* li se tingħata'.

Minħabba diversi kummenti l-kunsill kellu jieħu l-ewwel vot dwar min jaqbel mad-*draft* li sar oriġinarjament.

Il-kunsiller L. Vella ippropona u l-viċi sindku ssekonda, is-sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Briguglio, J. Galea, M. A. Azzopardi qablu mad-*draft* li kien sar mis-segretarju eżekuttiv.

Il-kunsilliera M. Aquilina ivvotat kontra minħabba li qalet li l-kunsill m'għandux jidħol f'sitwazzjoni ta' ħaddieħor.

Il-kunsillier M. Debono ivvota kontra minħabba li ma kienx hemm konsultazzjoni mal-kunsill u anke li ma nafux se jsir minn din il-Pjazza.

Il-kunsillier N. Dimech astjena minħabba li hu ma kienx preżenti meta ġiet diskussa din il-kwistjoni.

Wara din il-votazzjoni s-Sindku M. Arrigo iċċarat li għalkemm mil-bidu nett ma qablitx li tintbagħat il-*press release*, qalet li ġa la darba se tintbagħat dan huwa l-aħjar *wording* li jista jkun.

Din il-votazzjoni għaddiet b'sitt voti favur, b'żewġ voti kontra u astensjoni waħda.

Il-kunsillier M. Debono ippropona li fil-*press release* għandha tiżdied biċċa li 'għandu jkun hemm *open fair process* għal *public tendering* għal kiosk li se tingħata'.

Il-kunsilliera M. Aquilina ssekondat. Il-kunsillier M. Briguglio ivvota favur.

Is-sindku M. Arrigo, Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis u l-kunsilliera M. A. Azzopardi, J. Galea u L.Vella ivvotaw kontra.

Il-kunsillier N. Dimech astjena għal l-istess raġuni ta' qabel.

Is-sindku M. Arrigo, Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis u l-kunsilliera M. A. Azzopardi, J. Galea u L. Vella iċċaraw il-punt li huma vvotaw kontra biex il-*press release* tinżamm qasira kemm jista jkun u li ma tkunx libelluża, u mhux għax ma jaqbilx mal-*fair process*.

Il-proposta ma għaddietx bi tliet voti favur, b'ħamsa kontra u astensjoni waħda.

Il-kunsillier M. Briguglio ippropona li mad-*draft* li kien sar originarjament għandha tiżdied 'li l-kunsill juri solidarjeta' mal-ħaddiema tal-*magic kiosk* u jawgura li jsibu xogħol mil-aktar fis possibbli.' Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis issekondah. Is-sindku M. Arrigo, Il-kunsilliera M. Aquilina, M. A Azzopardi, M. Debono, N. Dimech, J. Galea u L.Vella li għandha tiżdied din il-frażi msemmija.

Il-proposta għaddiet bi qbil unanimu.

Il-kunsill unanimament qabel li l-*press release* għandha tintbagħat skond id-draft li saret mis-segretarju eżekuttiv kif indikata hawn fuq, kif ukoll tiżdied il-frażi li 'Il-kunsill juri solidarjeta mal-ħaddiema tal-magic kiosk u jawgura li jsibu xogħol mil-aktar fis possibbli.' Is-Sindku qalet li bħala proċeduri hemm bżonn li l-*press releases* jibdew jiġu ċċekkjati mil-avukat tal-kunsill qabel ma jintbagħtu għal publikazzjoni.

### 3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv

3.1 Is-segretarju eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-kunsill il-każ li l-kunsill għandu kontra *Nove Developments* u l-*iscaffolding* li għandhom fi Triq Beresord ma' Triq Rudolfu. Il-kunsill ġie infurmat li huma kienu għamlu garanzija bankarja ta' Euro 232,94 li din żgur mhux se tkopri l-ispejjeż f'każ li jinqalgħu ħsarat. Is-segretarju eżekuttiv ta' rendikont tal-korrispondenza li bagħat kollha dwar il-każ.

Il-viċi sindku staqsa jekk il-kunsill hux f'pożizzjoni li jiġbor ħlas ta' l-*iscaffolding*. Is-sindku M. Arrigo qalet li din il-proċedura kienet sabitha hekk, u allura assumiet li hija d-deċiżjoni tal-kunsill, u b'hekk il-kunsill jiġbor ħlas meta jkun hemm ostruzzjoni fuq il-bankina b'materjal.

· Żiedet tgħid li l-avukat tal-kunsill qal li l-*legal notice* konċernata tista tiġi nterpretata favur id-deċiżjoni tal-kunsill. Min-naħa l-oħra għad hemm ambigwita għas-sitwazzjoni tal-permessi għall-krejns li jiġu mpoġġija għall-użu ta' kostruzzjoni. Is-segretarju eżekuttiv irrefera wkoll għall-ittra fuq dan il-każ mid-Direttur tal-Gvern Lokali dwar dan is-suġġett. Il-kunsill baqa jinsisti li għandu jieħu l-ħlas dovut kemm dwar permessi ta' krejns kif ukoll għal ta' l-iscaffolding jew materjal ieħor, għax fl-aħħar minn l-aħħar iż-żamma u manutenzjoni tat-toroq taqa taħt ir-responsabbilita' tal-kunsill. Is-Sindku M. Arrigo qalet ukoll li dawn il-punti kollha ġew irreferuti f'laqgħa li l-kunsill kellu ma' l-Onorovelo Chris Said.

Il-kunsill ġie infurmat li Perit Borg Costanzi fetħet ittra ta' protest ġudizjarju lis-sindku M. Arrigo u lis-segretarju eżekuttiv J. Grech kemm bħala rappreżentanti tal-kunsill kif ukoll b'mod personali. Il-kunsill ġie infurmat ukoll li dehret ittra fit-Times. Is-segretarju eżekuttiv kien bagħat kopja tar-risposta (draft) li kien għamel l-avukat tal-kunsill, lill-kunsilliera kollha. Il-kunsill b'mod unanimu qabel li għandha tiġi ppubblikata kif inhi.

F'dan l-ispunt il-kunsillier M. Debono ressaq għall-attenzjoni tal-kunsill li fl-aħħar laqgħa tal-kumitat konġunt kien ġie diskuss li l-permessi li jinħarġu mill-kunsilli kollha għandhom ikunu *standard.* Il-kunsill qal li jekk hemm bżonn dan il-kunsill jiġi kkonsultat u jittieħdu eżempji minn fuq il-kundizzjonijiet tagħna minħabba l-eċċessivita ta' permessi li jkollu joħroġ il-kunsill ta' Tas-Sliema u li l-istess kundizzjonijiet ġew magħmula fuq parir ta' l-avukat tal-kunsill.

*Il-kunsillier M. Briguglio ġie skużat li jitlaq mis-seduta fil-5.20pm*

Dwar il-permessi ta' krejns għall-użu ta' kostruzzjoni l-kunsill qabel li għandu jistaqsi lill-avukat tal-kunsill jistax jobbliga lill-kuntrattur li jagħmel *safe barriers* jew *fencing* madwar l-area li jkunu qegħdin jaħdmu fiha li tkun tkopri parti mil-ħlas tal-permess.

*Il-kunsillier M. Debono ġie skużat li jitlaq mis-seduta fil-5.35pm.*

3.2 Is-sindku qalet li l-laqgħa tas-seduta li jmiss se ssir fil-25 ta' Marzu, 2009 fl-4pm.

3.3 Il-kunsill qabel li l-laqgħa annwali li tinżamm għar-residenti Slimiżi għandha ssir nhar il-Ġimgħa 20 ta' Marzu, 2009 fl-istess ħin tas-sena l-oħra.

3.4 Is-segretarju eżekuttiv poġġa fuq il-mejda t-*tender documents* dwar il-manutenzjoni ta' xogħlijiet f'Tas-Sliema li intefgħu minn: Polidano Bros, G+P Borg, Tony Aquilina Ltd u Schembri Infrastructures. Il-kunsill qabel li għandu jkun hemm *tendering board* sabiex jiddiskuti dawn id-dokumenti. Il-bord se jkun magħmul mis-Sindku M. Arrigo u mil-kunsilliera M. Aquilina, N. Dimech u J. Galea li se jiltaqgħu nhar it-Tlieta 24 ta' Frar, 2009 fid-9am il-kunsill.

3.5 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għat-talba għall-kwotazzjonijiet li l-kunsill għamel għal: Żebgħa tar-ramel 'Doc A', *road marking paint* 'Doc B' kif ukoll għal *PL lamps* 'Doc C'.

1. Għaż-żebgħa tar-ramel il-kunsill qabel li tingħata lill-*Idea Workmate* li hija l-orħos offerta.
2. Għar-*road marking paint* il-kunsill qabel li għandu jżomm ma' l-istess prodott li qiegħed juża bħalissa mil-kumpanija *S&R Handaq Ltd*, fejn f'din il-kwotazzjoni anzi żied l-offerta li ma' kull 10x20ltr ikollna 20ltr *drum colour* b'xejn.
3. Għal *PL Lamps* il-kunsill qabel li tingħata lill-*Idea Workmate* għar-raġuni li l-kunsill ipprefera li jżomm mad-ditta *Philips* li kien diġa juża u li kienet l-orħos fost min ikkwota *Philips.*

3.6 Il-kunsilliera preżenti unanimament qablu li għandu jingħata l-*performance bonus* bi sħiħ lis-segretarju eżekuttiv kif ukoll lill-istaff tal-kunsill.

3.7 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-korrispondena mis-segretarjat parlamentari għażżgħażagħ u sport rigward skema għall-kunsilli lokali. Is-segretarju eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li din l-applikazzjoni tagħlaq fl-20 ta' Frar 2009. Il-kunsill qabel li dan il-proġett għandu jitħalla għalissa minħabba n-nuqqas ta' fondi u ftit ħin għall-preparazzjoni.

3.8 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-laqgħa li l-kunsill kellu ma' l-Onorevoli De Marco. Fost affarijiet oħra li ġew diskussi, il-kunsill ġie infurmat ukoll li l-*extra washing* u *cleaning* li kien isir fuq il-*promenade* fix-xhur tas-Sajf bil-kollaborazzjoni ta' l-MTA mhux se jkun f'pożizzjoni li jsir din is-sena. Is-sindku M. Arrigo qalet li sadanittant l-kunsill kiteb lill-Onorevoli Prim Ministru, lill-Onorevoli C. Said, lill-Onorevoli G. Pullicino kif ukoll lill-MTA biex naraw x'nistghu nagħmlu għas-sajf li ġej.

3.9 Is-segretarju eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-kunsill il-punti li ssemgħu dwar il-*local plans* fil-laqgħa li saret mas-Sur Bjorn Bonello. Il-kunsill qabel li għandu jiddiskuti dan fis-seduta li jmiss.

3.10 Ittra mil-kappillan tal-Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor fejn qiegħed jitlob lill-kunsill għall-għajnuna għal tiswijiet li hemm bżonn isir fis-sistema elettrika u tad-dawl fuq il-kampnar u madwar il-koppla. Il-kunsill ġie mfakkar li l-kunsill qiegħed jorganizza korsijiet tal-kompjuter fis-sala ta' l-istess Parroċċa. Il-kunsilliera preżenti qablu li jagħtu darbtejn is-somma tas-sena l-oħra minħabba li din is-sena kien hemm numru rekord ta' attendenza u allura l-korsijiet se jdumu għal aktar minn erba' xhur.

3.11 Korrispondenza mil-kunsillier L. Vella fejn qiegħed jissuġġerixxi li l-kunsill għandu jeduka aktar lin-nies għal mod kif jagħmel *recycling*. Il-kunsillier Vella qal ukoll li ma nistghux nibqgħu niġbru l-iskart tal-ħwienet minħabba l-ammont eċċessiv li jkollhom speċjalment fl-inħawi tax-Xatt. Il-kunsillier Vella qal li għandu jkun hemm proċeduri ġodda kif għandu jinġabar l-iskart. Fuq dan il-punt is-segretarju eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li d-Dipartiment tal-Gvern lokali kien infurma li għalissa l-kunsill m'għandux ibiddel proċeduri minħabba li se jkun proċeduri ġodda aktar il-quddiem.

*Il-kunsilliera M. A. Azzopardi ġiet skużata li titlaq mis-seduta fis-6.10pm.*

Sadanittant il-kunsillier L. Vella talab li l-kunsill għandu janalizza:-

a. L-ammont ta' skart li jittieħed fil-*landfill* f'sena
b. L-ammont ta' djar f'Tas-Sliema
c. Kemm jiswa lill-kunsill f'sena kieku kellu jqassam il-*grey bags* lir-residenti b'xejn
d. L-ammont ta' flus li jiswa lill-kuntrattur preżentament għal skart li jiġi trasportat fil-*landfill*

3.12 B'referenza għar-rapport mediku l-kunsilliera preżenti qablu li għandha tingħata *reserved parking* fi Triq il-Ħnejja bin-numru tar-riferenza 140.

3.13 Korrispondenza mill-kunsillier M. Briguglio dwar proposta għall-proġett bejn Kopin u Kunsill Sliema. Il-kunsill qabel li m'għandux jiddiskuti dan is-suġġett f'din is-seduta minħabba li l-kunsillier M. Briguglio kien leħaq telaq. Il-kunsill kien qabel li korrispondenza mill-kunsilliera għandha tiġi diskussa fil-presenza tal-kunsillier konċernat.

3.14 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għal każ *f'Windsor Terrace* minħabba li kien hemm xi ilma dieħel *f'Fondatore Court*, fejn din il-ħsara ġiet irraportata wara li kien sar it-tarmac min-naħa tal-kunsill. Il-kunsilliera preżenti ġew infurmati li dawn kienu għamlu rapport lill-kunsill bil-perit tagħhom fejn kienu qegħdin isostnu li l-problema ta' l-ilma bdiet wara li t-triq ingħatat l-asfalt. Il-perit Bezzina kien ħejja rapport dwar il-każ. Il-kunsill bagħat lill-perit A. Bezzina kif ukoll saret laqgħa fuq il-post fejn kellu jinfetaħ il-post ħalli naraw minn fejn hi ġejja l-problema. Skond ir-rapport tal-perit tal-kunsill irriżulta li ma kienx tort tal-kunsill. Il-kunsill irid iħallas biss għall-ispejjeż li għamel biex jiftaħ u jagħlaq ħalli jara minn fejn hi ġejja l-problema.

3.15 Il-kunsill ġie infurmat dwar ir-rapport magħmul mil-perit tal-kunsill kif kien mitlub, dwar l-ilma li qiegħed jinġabar fi Triq Rudolfu ma' Triq San Trofimu. Il-kunsill qabel li m'għandu jsir xejn.

*Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis ġie skużat li jitlaq fis-6.25pm.*

3.16 Talba mil-Koperattiva Kummerċ Ġust għall-permess sabiex tittella attivita nhar id-9 ta' Mejju fil-Ġnien Indipendenza. Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jingħata pero bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

3.17 Talba mingħand is-Sur Borg għan-nom tal-MEP Simon Busuttil sabiex tittella *stand* b'forma ta' *gazebo* biex issir attivita' fis-7 ta' Marzu, 2009. Il-kunsill qabel li għal dawn it-tip ta' permessi li jistgħu jiġu mitluba minn dawk li se jikkontestaw għal MEP, il-kunsill jista jagħti għażla għal wieħed minn dawn il-postijiet: Ġnien Indipendenza, *Promende*, *car park* tal-Fortizza, *carpark* tax-Xatt u x-Xatt in-naħa tal-baħar. Il-kunsill qabel li meta jingħata dan il-permess tizdied il-kundizzjoni li ma jtellfux lin-negozji. Qabel ukoll li kull min se jikkontesta għal MEP u jitlob għal dan it-tip ta' permess dan għandu jingħata bl-istess kundizzjonijiet u ma jkollhomx għalfejn jitressqu kunsill.

3.18 Is-segretarju eżekuttiv fakkar li fis-27 ta' Frar fis-2pm se jkun hemm l-appelli dwar *Fort Cambridge* u ħeġġeġ lill-kunsilliera kollha sabiex ikunu preżenti. Din qegħda ukoll fl-iskeda tal-laqgħat.

3.19 Korrispondenza mill-Onorevoli C. Said dwar kampanja għall-użu effiċjenti tal-enerġija biex fis-7 ta' Marzu jingħaqdu l-kunsill lokali kollha biex iqassmu l-*posters* eċċ. Il-kunsill qabel li jista jpoġġi xi *posters* fl-uffiċċju stess, nistgħu noħolqu *awareness* permezz tal-magazine u l-website. Il-kunsill jista jilqa xi esperti biex jagħtu idejat lill-anzjani li jkunu fis *Sliema Day Centre*.

3.20 Korrispondenza mill-kunsillier J. Galea dwar proposta ta' skambju kulturali. Il-kunsillier J. Galea għandu jikkordina din l-attivita u titressaq f'seduta tal-kunsill.

3.21 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għat-*tender* li l-kunsill kien iddiskuta dwar servizzi ta' *contracts manager*. Is-segretarju eżekuttiv qal li min-naħa tiegħu lesta xogħol meħtieġ sabiex ikun jista jinħareġ t-*tender*. Madankollu l-kunsill qabel li għandu jħalli dan pendenti minħabba li mhuwiex żmien opportun. Fuq dan il-punt issemma s-servizz tat-trasport ċirkulari minħabba li qegħda tiswina mhux ħażin fis-sena. Min-naħa l-oħra r-residenti Slimiżi drawha u ma tantx hu faċli li tneħħi dan is-servizz. Fuq dan il-punt il-kunsillier J. Galea qal li l-kunsill għandu jipprova japplika l-Ministeru tat-Turiżmu biex iġib dawn il-fondi. Is-sindku M. Arrigo qalet li konna mwegħdin il-bus ta' l-elettriku b'xejn mill-Ministeru għall-użu tal-kunsill, pero s'issa għadu ma wasal xejn.

3.22 Is-segretarju eżekuttiv ressaq il-kwotazzjonjiet li kien ġabar dwar ic-CCTV għall-uffiċċju tal-kunsill. Il-kunsill qabel li għandu jġib żewġ kwotazzjonjiet oħra minn *Alberta* u *Fire Tech*. Il-kunsill qal ukoll li dawn għandhom ikunu bl-*infra red*.

**4 Mistoqsijiet mil-kunsilliera**

4.1 Il-kunsillier L. Vella qal li hemm bżonn isir *patching* fi Triq il-Karmnu ma' Pjazza Annunzjata. Is-segretarju eżekuttiv informa li se jsir mal-kumplament ta' *patching* li l-kunsill qiegħed jagħmel.

4.2 Il-kunsillier L. Vella qal ukoll li hemm biċċa bankina fi Triq Pius V (in-naħa tax-Xatt) li għandha bżonn issir. Is-segretarju eżekuttiv wieġeb li kien mar mal-foreman tal-Works Division u hemm problema biex tidjieq il-bankina. Il-kunsill għandu jibgħat il-perit tiegħu biex jara l-possibilta' li ssir il-bankina.

4.3 Il-kunsillier L. Vella talab lis-segretarju eżekuttiv jekk jistax jagħmel *job description* tas-Sur Edward Cuschieri minħabba li dan l-aħħar qiegħed jara li qiegħed ikollu ħafna diżgwit mal-membri l-oħra tas-sotto kumitat ta' l-anzjani u mhux l-ewwel darba li ma jkunx irid jagħmel kuntatti dwar il-ħarġiet kulturali.

4.4 Il-kunsilliera M. Aquilina staqsiet għalfejn għad m'għadniex risposta dwar Triq San Neriku. Is-segretarju eżekuttiv qal li għandu diversi korrispondenza mal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma dwar dan li jista jgħaddi kopji tagħhom.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 Il-kunsiller N. Dimech ippropona l-iskeda tal-pagamenti minn ċekk numru 10046 sa 10097. Il-kunsillier J. Galea ssekonda, filwaqt li l-kunsilliera preżenti, is-sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Aquilina u L. Vella approvaw il-pagamenti b'mod unanimu.

**6. Affarijiet Oħra**

Ma kien hemm ebda affarijiet oħra.

Is-seduta ntemmet fis-7.10pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 25 ta' Marzu, 2009 fl-4pm.

**Marina Arrigo**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**